


**IL-LINGWA MHIX IL-PROPJETÀ TA' XI ĦADD JEW TA' XI GRUPP, IMMA HI TA' KULL MIN JUŻAHA. ILKOLL GĦANDNA L-OPINJONIJIET TAGĦNA FUQ, NGĦIDU AĦNA, KIF NIKTBU XI KLIEM, KEMM GĦANDNA NUŻAW KLIEM MISSELLEF, U X'INHU STANDARD U DJALETT. HUWA GĦALHEKK LI LSIENNA JQANQAL L-INTERESS U DISKUSSJONIJIET LI FIHOM MHUX L-EWWEL DARBA JOĦORĠU DUBJI U IDEAT ŻBALJATI FUQ IL-MALTI U FUQ L-ENTITAJIET INVOLUTI FIL-PROMOZZJONI TIEGĦU. FID-DAWL TA' DAN, IL-PROF. RAY FABRI U S-SUR THOMAS PACE JWIEĠBU U JIĊĊARAW XI MISTOQSIJIET U KUMMENTI LI JQUMU TA' SPISS**

## Nisma' b'diversi għaqdiet tal-Malti. Min hu min eżatt?

Fil-qasam tal-Malti hawn għadd ta' għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu b'risq il-lingwa u l-letteratura. L-eqdem waħda hija l-Akkademja tal-Malti. Għall-bidu (1922) din twaqqfet bl-isem *L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* biex tfassal alfabett standard u l-ewwel regoli tal-grammatika u l-ortografija. L-Akkademja għadha attiva, l-aktar fil-qasam letterarju, b'pubblikazzjonijiet akkademiċi u attivitajiet pubbliċi.

Għaqdiet oħra huma l-Għaqda tal-Malti - Università (1931), li taħdem qalb iż-żgħażagħ u tmexxi 'l quddiem il-kitba kreattiva; l-Għaqda Poeti Maltin (1975), li trawwem l-apprezzament lejn il-poeżija Maltija b'serati u konkorsi letterarji; Inizjamed (1998), li tippromwovi l-letteratura Maltija b'mod speċjali x-xogħlijiet marbutin mal-Mediterran; l-Għaqda tal-Għalliema tal-Malti (1999), li taħdem biex trawwem sens ta' koperazzjoni fost l-għalliema fil-professjoni tagħhom; u l-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi tal-Malti (2010), li tiġbor fiha qarrejja tal-provi kkwalifikati mill-università biex iżżommhom f'kuntatt, taġġornahom u tqanqal iżjed kuxjenza fuq il-ħtieġa tal-kitba tal-Malti mingħajr żbalji.

## U l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti?

Filwaqt li l-għaqdiet li semmejna huma volontarji u miftuħa għal min jixtieq jissieħeb fihom, il-Kunsill tal-Malti huwa korp tal-gvern imwaqqaf bl-Att dwar l-Ilsien Malti biex jippromwovi l-ilsien nazzjonali u jipprovdi l-għodda meħtieġa għal dan id f'id mal-għaqdiet.

## Il-Malti donnu m'għandux regoli. Kulħadd jikteb kif irid?

Il-kitba bil-Malti għandha r-regoli uffiċjali li jistandardizzawha, bħal lingwi oħrajn. Dawn kienu joħorġu mill-Akkademja, imma mill-2005, meta beda jiffunzjona l-Kunsill, dan ix-xogħol ta' standardizzazzjoni waqa' f'idejh. Fis-sit tal-Kunsill tal-Malti (www.kunsilltalmalti.gov.mt) issib aktar tagħrif.

## Allura l-Malti li nara u nisma' tal-Kunsill?

Qabelxejn, il-Malti huwa tal-Maltin kollha u mhux ta' xi entità partikolari. Il-Kunsill jieħu deċiżjonijiet ortografiċi fuq il-Malti miktub mhux fuq il-mitkellem. L-għażla tal-kelma u l-espressjoni mitħaddta hija f'idejn l-individwu jew l-organizzazzjoni li tkun qed tuża l-lingwa, ngħidu aħna, fir-reklami jew fil-programmi. Il-kotba u l-gazzetti lokali bil-Malti mhumiex pubblikazzjonijiet tal-Kunsill u għalhekk ma jidħolx fihom. Dawn jieħdu ħsiebhom il-pubblikaturi tagħhom. Il-Kunsill spiss ikun ikkonsultat fuq dan il-qasam ukoll u jagħti l-pariri tal-esperti tiegħu sa fejn ikun jista'.

## Imma r-regoli tal-Malti l-ħin kollu jinbidlu.

Mill-1924, meta ħareġ it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, l-ewwel dokument uffiċjali tar-regoli, saru żewġ aġġornamenti mill-Akkademja: fl-1984 u fl-1992. Fl-2008 ħarġu d-*Deċiżjonijiet 1* mill-Kunsill tal-Malti, li ma kinux bidliet imma għażla bejn varjanti fil-kitba. Ngħidu aħna, bejn 'il-bieraħ' u 'ilbieraħ' intgħażlet it-tieni waħda bħala l-forma standard. Dawn ittellgħu fuq l-internet mal-aġġornamenti ta' qabel, u ħafna li saru jafu bihom dak iż-żmien ħasbu li kienu kollha regoli ġodda. Għadna s'issa niltaqgħu ma' min isemmilna xi aġġornament li jkun ilu li sar, u li hu jkun bil-ħsieb li sar dan l-aħħar.

## Kemm ma togħġobnix meta jiktbu l-kliem mill-Ingliż kif jinħass!

Dan suġġett li l-Kunsill ippubblika d-deċiżjonijiet uffiċjali tiegħu fuqu fl-2018. Konna ilna nikkonsultaw mal-pubbliku u ma' dawk li jħaddmu u jgħallmu l-Malti f'xogħolhom. Organizzajna żewġ seminars pubbliċi kbar (fl-2008 u fl-2016), smajna ħafna, u qisna s-suġġerimenti kollha. Ir-regoli dwar il-kitba ta' dal-kliem kienu jmorru lura għall-1984, u qatt ma nbidlu. Il-Kunsill kien konxju bid-diffikultajiet li ġabu magħhom u għalhekk aġġornahom. Bħal-liġijiet tal-pajjiż, la s-soċjetà tevolvi u magħha tkompli tiżviluppa l-lingwa, ir-regoli jkunu jridu jaqdu l-ħtiġijiet ta' żminijiet differenti.

## Il-kliem ta' meta kont żgħir/a qed jintilef. Uliedi 'qas jafuh.

Il-lingwa tinbidel maż-żmien u mas-soċjetà. Xi kliem ta' affarijiet li ma nibqgħux nużaw, bħall-kenur, imut mewta naturali. Kliem ieħor jista' jkun ta' qasam speċjalizzat, bħal xi sengħa li forsi tkun qed tispiċċa. Madankollu, tkun ħasra jekk il-vokabolarju bażiku, bħan-numri, il-kuluri, l-ismijiet tal-annimali u l-frott, u idjomi li bihom nesprimu u niddeskrivu oġġetti u kunċetti tal-ħajja ta' kuljum, jintilfu. Il-lingwa tmut jekk ma ngħadduhiex lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Il-ġenituri, in-nanniet u l-edukaturi għandhom jaraw li l-kliem u l-espressjonijiet ma jintilfux għalxejn billi jużawhom meta jitkellmu mat-tfal. Dak li jitgħallmu l-iskola huwa importanti imma mhuwiex biżżejjed. L-ewwel kuntatt lingwistiku tal-ulied isir fid-dar mal-ġenituri.

## Il-Malti mhux rikk biżżejjed biex titkellem fuq kull suġġett bih.

Kull lingwa trid twessa' t-terminoloġija tagħha. Din ħaġa li l-Kunsill jaħdem fuqha. Biex tmexxi l-kliem ġdid trid il-ħila esperta tan-nies tal-qasam partikolari u l-għajnuna tal-pubblikaturi u x-xandara. Trid ukoll nies bir-rieda li ma jdurux mill-ewwel għall-kelma barranija u li ma jiddejqux ikunu kreattivi u jużaw kelma ġdida bil-Malti qabel ma tibda tintuża kelma jew frażi bl-Ingliż. Min-naħa l-oħra, jekk jintużaw bil-galbu, kelma jew terminu missellef jistgħu jiġu integrati fis-sistema grammatikali tal-Malti, bħalma ġara bil-ħafna kliem li l-Malti ssellef mil-lingwi Rumanzi (l-Isqalli u t-Taljan) u mill-Ingliż, bħal 'fajjar' (mill-Ingliż *fire*) u 'pejjep' (mit-Taljan *pipa*).

Fl-aħħar nett, importanti ħafna li nħeġġu u naraw li l-Malti jintuża miż-żgħar u ż-żgħażagħ, fl-edukazzjoni, fix-xandir, fl-informatika, u f'oqsma ġodda biex jibqa' jiżviluppa u jgħinna nikkomunikaw b'mod effettiv f'kull żmien. Il-Kunsill tal-Malti jirsisti biex ilsienna jkun aktar viżibbli. Ejja niktbu iżjed bil-Malti ħalli narawh madwarna daqskemm nisimgħuh mitkellem. Nistgħu nibdew mit-tabelli u l-avviżi fil-postijiet tax-xogħol tagħna.